

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Frar 2016 – Pirelli Tyre vs EUIPO (żewġ strixxi mgħawġa fuq il-ġenb ta' tajjer)**(Kawża T-81/16)**

(2016/C 156/68)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti:* Pirelli Tyre SpA (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: T. Müller, F. Togo, avukati)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark ta' pożizzjoni tal-UE li tikkonsisti f'żewġ strixxi mgħawġa fuq il-ġenb ta' tajjer – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 388 293*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Diċembru 2015 fil-Każ R 10192015-1**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur ta' diversi prinċipji ta' forma u proċedurali fl-evalwazzjoni tal-motivi assoluti
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Frar 2016 – Murphy vs EUIPO – Nike Innovate**(Strumenti ta' kejl, tagħmir u apparat)****(Kawża T-90/16)**

(2016/C 156/69)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet***Rikorreni:* Thomas Murphy (Blackrock, l-Irlanda) (rappreżentanti: N. Travers, SC, J. Gormley, Barrister, M. O'Connor, Solicitor)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Nike Innovate CV (Beaverton, l-Istati Uniti)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Proprietarju tad-disinn inkwistjoni:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell*Disinn inkwistjoni:* disinn Komunitarju "strumenti ta' kejl, tagħmir u apparat" – Disinn Komunitarju Nru 2 159 640-0002

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Novembru 2015 fil-Każ R 736/2014-3

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Il-Bord tal-Appell naqas milli jipprovdi smigħ xieraq lill-applikant;
- Il-Bord tal-Appell naqas milli jidentifika l-grad reali ta' libertà u ta' restrizzjoni fid-disinn, u b'dan il-mod, ma mmotivax b'mod korrett jew adattat, id-deċiżjoni kkontestata;
- Il-Bord tal-Appell naqas milli jagħmel evalwazzjoni xierqa u bir-reqqa, fattwalment korretta u realistika tal-impressjoni globali tad-disinni kollha u milli sussegwentement japplika din l-evalwazzjoni għal dawn id-disinni meta kkunsidra l-kwistjoni tal-karattru individwali.

Rikors ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2016 – Aydin vs EUIPO – Kaporal France (ROYAL & CAPORAL)

(Kawża T-95/16)

(2016/C 156/70)

Lingwa tar-rikors: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Savas Aydin (Pantin, Franza) (rappreżentanti: F. Watrin, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Kaporal France (Marseille, Franza)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant għat-trade mark kontenjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenjuża kkonċernata: trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali "ROYAL & CAPORAL" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 587 663

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Diċembru 2015 fil-Każ R 867/2015-2

Talbiet

- Tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tordna lill-EUIPO sabiex jipproċedi għar-reġistrazzjoni tat-trade mark ROYAL & CAPORAL (applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12587663),
- tikkundanna lill-partijiet telliefa għall-ispejjeż.